DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/596

tat-13 ta' Marzu 2023

li taħtar membru supplenti propost mir-Renju tal-Belġju, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu, wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Belġjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Alexia BERTRAND.

(4) Il-Gvern Belġjan ippropona lir-rappreżentanti lis-Sur Pierre-Yves JEHOLET, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali, *Ministre-Président de la Fédération Wallonie-Bruxelles*, bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Pierre-Yves JEHOLET, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali, *Ministre-Président de la Fédération Wallonie-Bruxelles*, huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PEHRSON